

Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6337/19

COHOM 20
CFSP/PESC 119
CONUN 13
DEVGEN 25
FREMP 19

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Marzu 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6118/19

Suġġett: Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna adottati mill-Kunsill fit-3681 laqgħa tiegħu fit-18 ta' Marzu 2019.

**Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni
Esterna**

Werrej

1. X'inh	5
1.1 Kunċetti fin-Nondiskriminazzjoni	8
2. Kif tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni – il-prevenzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.	12
3. Linji Gwida Operazzjonali	18
3.1 Indirizzar tad-diskriminazzjoni permezz tal-kooperazzjoni bilaterali u d-djalogu.....	20
3.2 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Assistenza Umanitarja tal-UE.....	25
3.3 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz ta' kooperazzjoni multilaterali	29
3.4 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz ta' sforzi ta' appoġġ mis-soċjetà ċivili	31
4. Segwitu u eżami tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni	33
ANNES I: Strumenti Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strumenti Internazzjonali tax-Xogħol (tal-ILO), u strumenti tad-dritt umanitarju partikolarment rilevanti għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni	34
ANNES II: Aktar tagħrif: is-siti web tal-UE, tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tagħha u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali	36

Introduzzjoni

Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni hija wieħed mill-aktar prinċipji importanti fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Pariġi fl-1948 'l hawn, dan il-prinċipju kompli jiġi enfasizzat fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li ġew żviluppati u inkorporati fid-dritt nazzjonali tal-maġġoranza tal-pajjiżi madwar id-dinja. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni hija prinċipju fundamentali fit-trattati fundaturi tal-Unjoni Ewropea¹, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea² u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Minkejja li d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa ċar dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, miljuni ta' nies għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni li ma tħallihomx igawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom b'mod sħiħ u ma tħallihomx jilhq u l-potenzjal kollu tagħhom bħala membri ndaqs u attivi fis-soċjetà. Id-diskriminazzjoni tista' twassal għal taqlib soċjali, vjolenza, kunflitt u ċaqliq sfurzati. Minbarra l-prezz uman drammatiku, id-diskriminazzjoni għandha prezz ekonomiku enormi fil-forma ta' faqar u t-telf ta' opportunitajiet, mhux biss għall-individwi u l-familji tagħhom, iżda għal soċjetajiet sħaħ. Billi l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni hija prinċipju fundamentali li fuqha hija msejsa l-Unjoni Ewropea (UE), l-UE hija impenjata bis-sħiħ li tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni ġewwa l-fruntieri tagħha kif ukoll mad-dinja.

¹ Kwotazzjonijiet mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): a) *Artikolu 2 TUE*: L-Unjoni hija bbażata fuq il-**valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem**, il-libertà, id-demokrazija, l-**ugwaljanza**, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, **inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi**. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-**nondiskriminazzjoni**, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. b) *Artikolu 3(3) TUE*. L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva sħaħ, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjeg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. **Hija għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Hija għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Hija għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew. c) *Artikolu 10 TFUE* Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twenmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

² Il-Karta tapplika għall-Istati Membri kollha tal-UE meta japplikaw id-dritt tal-UE u għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE fl-azzjonijiet kollha tagħhom.

Il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni hija definita wkoll bħala prijorità tal-UE fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-2012³. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-2015-2019 ippreveda l-iżvilupp ta' għodod tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni.

Dawn il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni jwettqu l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija filwaqt li jikkomplementaw l-għodod operazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-kuntest ta' "approċċ tal-UE għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet – li jiġbor fih id-drittijiet tal-bniedem kollha" (RBA).

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni hija wkoll objettiv trasversali. F'dan ir-rigward, is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) tal-UE hija eżempju. Din tagħti benefiċċji kummerċjali unilaterali lill-pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw, inkluż il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, li jgawdu minn kważi aċċess sħiħ għas-suq tal-UE skont l-arranġament "Kollox ħliet Armi". Skont ir-Regolament SGP tal-UE, il-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-konvenzjonijiet fundamentali internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol jeħtieġ li jiġu rrispettati. Dawn jinkludu l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (1965); u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979); u l-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjeggi u x-Xogħol, Nru 111 (1958). Għall-pajjiżi li jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għal Żvilupp sostenibbli u l-Governanza tajba ("SGP+") dan saħansitra jmur aktar lil hinn: dawn għandhom jirratifikaw u jimplementaw 27 konvenzjoni internazzjonali, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, l-ambjent u l-governanza tajba. L-implimentazzjoni ta' dawn l-obbligi hija mmonitorjata mill-UE.⁴

Il-linji gwida tal-UE għan-Nondiskriminazzjoni huma maħsuba biex jikkomplementaw u jsaħħu Linji Gwida oħrajn tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem⁵ bl-objettivi li:

- Tissaħħaħ l-effikaċja tal-UE fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni
- Tiżied il-viżibbiltà tal-valuri u l-azzjonijiet tal-UE u s-sensibilizzazzjoni għalihom fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

³ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11855-2012-INIT/mt/pdf>

⁴ Regolament tal-UE 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati, inkluż l-anness VIII għalih dwar il-konvenzjonijiet ewlenin tan-NU/ILO dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol.

⁵ Għal-Linji Gwida kollha tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ara https://eeas.europa.eu/topics/human-rights-democracy/6987/eu-human-rights-guidelines_en

Il-Linji Gwida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni jagħtu gwida kunċettwali u operazzjonali għall-Politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-azzjoni esterna. Huma bbażati fuq l-istandards u n-normi tal-UE u dawk internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u għall-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni, u jispjegaw dawn l-istess standards u normi. Huma jagħtu wkoll linji ta' politika ċari lill-istituzzjonijiet u l-uffiċjali tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE biex jintużaw waqt il-kooperazzjoni u l-kuntatti ma' pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1. X'inhom d-diskriminazzjoni?

Id-diskriminazzjoni hija definita bħala kwalunkwe trattament differenzjali ta' persuna jew ta' grupp ta' persuni għal raġuni pprojbita, li ma għandha l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli⁶. Ir-raġunijiet ipprojbiti huma definiti fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ir-raġunijiet elenkati fil-lista ta' hawn taħt huma bbażati fuq id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR - Artikolu 2), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokoll 12 tagħha, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni Nru 98 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv⁷ kif ukoll l-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u ż-żewġ Protokoll Addizzjonali tagħhom⁸.

⁶ Ara ECRI (Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza) Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali nru 7, punt 1 b.

⁷ Artikolu 1 tal-ILO Nru 98 li l-ħaddiema għandhom igawdu minn protezzjoni adegwata minn atti ta' diskriminazzjoni kontra l-unions

⁸ Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (I) dwar il-Feruti u l-Morda fil-Forzi Armati fuq il-Kamp, 1949, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (II) dwar il-Feruti, il-Morda u l-Membri Nawfragi tal-Forzi Armati fuq il-Baħar, 1949, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (III) dwar il-Priġunieri tal-Gwerra, 1949, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (IV) dwar il-Persuni Ċivili, 1949. Il-Protokoll I Addizzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Internazzjonali u l-Protokoll II Addizzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Mhux Internazzjonali. Dawn huma l-qalba tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL)

Ir-raġunijiet ipprojbti għad-diskriminazzjoni msemija fi strumenti internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, strumenti internazzjonali dwar ix-Xogħol, strumenti internazzjonali tad-Dritt Umanitarju u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kollha vinkolanti

Età

Twelid jew status ieħor

Kulur

Dixxendenza

Diżabilità

Karatteristika ġenetika

Lingwa

Appartenenza għal minoranza nazzjonali/Assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali

Sħubija fi trade union

Orìġini nazzjonali, etnika jew soċjali

Opinjoni politika jew opinjoni oħra

Proprjetà (status ekonomiku)

Razza

Reliġjon jew twemmin

Sess

Orjentazzjoni sesswali

Status ieħor/kwalunkwe kriterju simili ieħor

Kunsiderazzjonijiet marbuta mar-raġunijiet

"Status ieħor/Kwalunkwe kriterju simili ieħor"

It-tmiem tal-lista ta' raġunijiet projbiti bi "status ieħor" fi strumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (jew "jew Kwalunkwe kriterju simili ieħor" fid-dritt umanitarju internazzjonali) ifisser li l-lista ta' raġunijiet ipprojbiti għad-diskriminazzjoni mhix eżawrjenti u għalhekk jissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem japplikaw għall-bnedmin kollha/kulħadd mingħajr l-ebda tip ta' distinzjoni⁹.

"Razza" Ta' min jinnota li dawn il-linji gwida jużaw u jinterpretaw it-terminu "razza" skont id-dritt internazzjonali u tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u għaldaqstant ma jimplikawx l-aċċettazzjoni ta' teoriji li jippruvaw jistabilixxu l-eżistenza ta' razez umani separati¹⁰.

"Dixxendenza" Din sikwit tintuża b'mod interkambjabbli ma' "razza". Madankollu, id-"dixxendenza" ma tirreferix biss għar-"razza" u għandha tifsira u applikazzjoni li jikkomplementaw ir-raġunijiet ipprojbiti l-oħra għad-diskriminazzjoni. *Il-Kumitat¹¹ jafferma wkoll li d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-"dixxendenza" tinkludi d-diskriminazzjoni kontra membri ta' komunitajiet abbażi tal-forom ta' stratifikazzjoni soċjali bħal sistemi ta' kasta u sistemi analogi ta' status li jintiret.*

⁹ Bħala eżempji ta' liema raġunijiet jistgħu jikkwalifikaw taħt it-terminu "status ieħor", issir referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li stabbiliet li d-diskriminazzjoni għar-raġuni, fost oħrajn, li persuna tkun pożittiva għall-HIV (Kiyutin vs Ir-Russja - applikazzjoni Nru 2700/10), ta' illeġittimità (li persuna titwieled barra ż-żwieġ) (Mazurek vs Franza - applikazzjoni Nru 34406/97), ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru (Novruk et al vs Il-Georgia - applikazzjoni Nru 73235/12), tal-istat ta' saħħa (Novruk et al vs Ir-Russja - applikazzjoni Nru 31039/11) u ta' kundizzjoni medika (G.N. et al vs L-Italja - applikazzjoni Nru 43134/05) hija pprojbita skont l-Artikolu 14 (Projbizzjoni tad-Diskriminazzjoni) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

¹⁰ Premessa 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità: "L-Unjoni Ewropea tirrifjuta t-teoriji li jippruvaw jistabilixxu l-eżistenza ta' razez umani separati. L-użu ta' ...'orijini ta' razza' f'din id-Direttiva ma jimplikax l-aċċettazzjoni ta' dawn it-teoriji".

¹¹ Il-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali (CERD) fir-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 29 tiegħu

"**Diżabilità**" Skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilità¹², il-persuni b'diżabilità jinkludu dawk li għandhom insuffiċjenza fiżika, mentali, intellettuali u sensorja fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli¹³ tista' ttejjef mill-parteciżazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fuq bażi ndaq ma' persuni oħra fis-soċjetà.

1.1 Kunċetti fin-Nondiskriminazzjoni

Diskriminazzjoni de jure u de facto

F'testi legali u politiċi ssir distinzjoni bejn id-diskriminazzjoni de jure u dik de facto. Id-diskriminazzjoni de jure sseħħ meta l-liġijiet u l-politiki eżistenti jkunu diskriminatorji minnhom infushom jew jaġġmlu d-diskriminazzjoni possibbli, filwaqt li d-diskriminazzjoni de facto sseħħ meta l-liġi jew il-politika ma tkunx diskriminatorja minnha nfisha, iżda l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħha jkollha impatt diskriminatorju¹⁴.

¹² Innota li l-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

¹³ Fir-rigward ta' "diversi ostakli", l-aċċessibilità għandha titqies bħala prekondizzjoni għat-tgawdija mid-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha minn persuni b'diżabilità. Ara wkoll il-Kumment ġenerali Nru 6 (2018) dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tas-CRPD (dok. CRPD/c/GC/6)

¹⁴ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Kwistjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa fil-Liġi u fil-Prattika jiddeskrivi żewġ tipi ta' diskriminazzjoni (hawn fir-rigward tan-nisa) b'dan il-mod: *Id-diskriminazzjoni tista' tkun de jure meta t-test ta' liġi jew politika jkun fih dispożizzjonijiet diskriminatorji jew tkun de facto meta l-liġi jew il-politika ma tkunx diskriminatorja minnha nfisha iżda l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħha jkollu impatt negattiv fuq in-nisa. Id-diskriminazzjoni de facto tista' tirriżulta wkoll minn prattiki usa', bħal pereżempju, il-kultura, it-tradizzjonijiet, u l-isterjotipi li jċaħħdu lin-nisa mill-ugwaljanza u t-tgawdija tad-drittijiet b'mod sħiħ. L-inugwaljanzi storiċi u strutturali li ilhom jeżistu, li f'ħafna każijiet iħabbtu wiċċhom magħhom, pereżempju, il-gruppi ta' minoranzi, jistgħu jikkontribwixxu wkoll għad-diskriminazzjoni de facto.*

Diskriminazzjoni diretta u indiretta

Skont id-direttivi tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni¹⁵, id-"diskriminazzjoni diretta" għandha tittieħed li tiġri fejn persuna tiġi ttrattata inqas favorevolment minn oħra, kienet jew tkun sejra tiġi ttrattata f'sitwazzjoni komparabbli għal raġunijiet tal-oriġini tar-razza jew l-etniċità. Id-"diskriminazzjoni indiretta" għandha tittieħed li tiġri fejn dispożizzjonijiet, kriterju jew Prattika apparentement newtrali, jitfegħu persuni ta' oriġini, ta' razza jew grupp etniku fi żvantaġġ partikolari pparagunati ma' persuni oħra, għajr jekk din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika jkunu ġġustifikati oġġettivament minn mira leġittima u jekk il-mezzi għall-kisba ta' din il-mira jkunu sewwa u meħtieġa.¹⁶ Għalkemm l-eżempji ta' hawn fuq jirreferu għal raġunijiet relatati mal-oriġini razzjali u etnika, għandu jiġi enfasizzat li d-diskriminazzjoni diretta u indiretta tista' sseħħ għal kwalunkwe raġuni.

Diskriminazzjoni strutturali¹⁷

Xi kultant, id-diskriminazzjoni diretta u indiretta tkun ikkomplementata mit-termini "diskriminazzjoni strutturali", "diskriminazzjoni istituzzjonali" jew "diskriminazzjoni sistemika". Dawn it-termini jintużaw biex jiddeskrivu l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni li jgħaddu minnhom gruppi sħaħ ta' persuni li għandhom l-istess karatteristiċi jew raġunijiet għad-diskriminazzjoni. Id-"diskriminazzjoni strutturali" tirreferi għar-regoli, in-normi, ir-rutini, it-tendenzi ta' attitudnijiet u l-imġiba f'istituzzjonijiet u strutturi oħra tas-soċjetà li, konxjament jew inkonxjament, jostakolaw lil gruppi jew individwi milli jaċċessaw l-istess drittijiet u opportunitajiet bħall-oħrajn u li jikkontribwixxu għal riżultati anqas favorevoli għalihom milli għall-maġġoranza tal-popolazzjoni¹⁸.

¹⁵ L-eżempju użat meħud mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità.

¹⁶ Ara wkoll il-Kumment Ġenerali Nru 20 tal-Kumitat għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali): Id-diskriminazzjoni diretta sseħħ meta individwu jiġi trattat b'mod anqas favorevoli minn persuna oħra f'sitwazzjoni simili, għal raġuni marbuta ma' raġuni pprojbita. Id-diskriminazzjoni indiretta tirreferi għal liġijiet, politiki u Prattiki li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru newtrali, iżda li għandhom impatt sproporzjonat fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet kif identifikat mir-raġunijiet ipprojbiti għad-diskriminazzjoni.

¹⁷ Innota li skont id-dritt internazzjonali jew tal-UE ma hemmx definizzjoni maqbula għal "diskriminazzjoni strutturata" jew għal "diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni u suppożizzjoni".

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali (GPR) Nru 2 (punt 20) tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI)
<http://ombudsman.hr/attachments/article/1283/REC-02rev-2018-006-ENG.pdf>

Diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni u suppożizzjoni¹⁹

Din it-tip ta' diskriminazzjoni ta' sikwit tissejjaħ diskriminazzjoni assoċjattiva billi l-vittma tkun qed tiġi diskriminata għax tkun qed tiġi assoċjata ma' persuna jew persuni oħra li huma fil-mira ewlenija tal-preġudizzju tal-awtur. Id-diskriminazzjoni assoċjattiva tista' sseħħ b'rabta ma' ħafna raġunijiet differenti, inkluż id-diżabilità, u kunċettwalment hija marbuta mar-"raġunijiet ta' assoċjazzjoni". Marbuta mill-qrib mal-kunċett ta' diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni hija d-diskriminazzjoni minħabba suppożizzjoni. Hawnhekk il-vittma qed tiġi diskriminata għaliex huwa preżunt li l-persuna hija, jew tagħmel parti minn grupp li huwa, fil-mira tal-preġudizzju tal-awtur.

Tfassil diskriminatorju ta' profil

Għalkemm fid-dritt internazzjonali jew tal-UE ma hemmx definizzjoni maqbula għat-tfassil diskriminatorju ta' profil, it-"tfassil diskriminatorju ta' profil" huwa deskritt bħala l-att tat-tqegħid ta' persuna taħt suspett jew fil-mira, fil-kuntest tas-sigurtà jew l-infurzar tal-liġi, pereżempju abbażi ta' sterjotipi assoċjati ma' raġunijiet ipprojbati għad-diskriminazzjoni, u mhux ta' suspett individwali²⁰.

F'dawn l-aħħar snin kien hemm dejjem aktar attenzjoni għall-prevenzjoni tat-tfassil diskriminatorju ta' profili fuq bażi ta' razza jew etniċità fis-settur tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fis-settur tal-fruntieri u l-immigrazzjoni. L-aġenti tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi, bħala aġenti tal-Istat, għandhom l-obbligu strett li jagħmlu xogħolhom f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem u mal-liġijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.

¹⁹ Ara n-nota 17 f'qiegħ il-paġna.

²⁰ L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) żviluppat gwida għal pulizija aktar effikaċi, għall-fehim u l-prevenzjoni tat-tfassil diskriminatorju ta' profili etniċi <http://fra.europa.eu/en/tags/ethnic-profiling>. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni ma tfissirx li l-karatteristiċi personali ma jistgħux jintużaw bħala fatturi leġittimi għat-tfassil ta' profil fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali jew kontrolli fuq il-fruntieri (ara t-Taqsima 2.4 tal-gwida tal-FRA). Madankollu, irid ikun hemm raġunijiet raġonevoli għas-suspett abbażi ta' informazzjoni li mhix ir-raġunijiet protetti.

Diskriminazzjoni multipla

Il-persuni jistgħu jiġu diskriminati għal aktar minn raġuni waħda. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi²¹ u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali²² msemmija qabel jagħmlu referenza speċifika għad-diskriminazzjoni multipla. Fost l-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) hija l-uniku strument dwar id-drittijiet tal-bniedem li jagħmel referenza għad-diskriminazzjoni multipla:

Imħassba dwar il-kundizzjonijiet diffiċli li qed jiffaċċjaw persuni b'diżabilità li huma soġġetti għal forom multipli u aggravati ta' diskriminazzjoni minħabba razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, politika jew opinjonijiet oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew status ieħor²³.

Id-diskriminazzjoni multipla hija marbuta mal-kunċett tad-"diskriminazzjoni intersezzjonali" li tirreferi għal sitwazzjoni fejn diversi raġunijiet jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li jsiru inseparabbli u l-għaqda tagħhom toħloq raġuni ġdida għad-diskriminazzjoni.

In-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bħala kumplementari għal xulxin

Il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza ta' sikwit huma deskritti bħala prinċipji komplementari bl-għeruw tagħhom fl-Artikolu 1 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tiddikjara li l-bnedmin kollha jitwiellu ħielsa u **ugwali** fid-dinjità u d-drittijiet, u fl-Artikolu 2, li jiddikjara li kulħadd huwa intitolat għad-drittijiet u l-libertajiet kollha stabbiliti f"din id-dikjarazzjoni" mingħajr ebda distinzjoni ta' kwalunkwe tip. Id-Direttiva tal-UE dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi u d-Direttiva tal-UE dwar l-Ugwaljanza Razzjali msemmija hawn fuq għandhom l-iskop iddikjarat li "jistabbilixxi qafas sabiex tiġi kkumbattuta d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet (elenkati fid-direttivi), bl-għan li jseħħ fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament **ugwali**".

²¹ Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol

²² Fil-premessa 14 tad-Direttiva

²³ CRPD Paragrafu preambolari "P".

2. Kif tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni – il-prevenzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

Fi kwalunkwe pajjiż, l-Istati jeħtieġ li jieħdu passi biex b'mod effikaċi jipprevjenu u jeliminaw id-diskriminazzjoni. Dawn il-passi huma deskritti tajjeb fid-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll fir-Rakkomandazzjonijiet ta' Politika Ġenerali tal-korpi ta' monitoraġġ tat-trattati. Din it-taqsimha tiddekrivi l-karatteristiċi l-aktar bażiċi tal-miżuri kontra d-diskriminazzjoni.

Politiki ġenerali tan-nondiskriminazzjoni

Fil-promozzjoni u r-rispett tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jeżiġi li l-Istati jimpenjaw ruħhom li jużaw il-mezzi adatti kollha biex jeqirdu d-diskriminazzjoni, inkluż fl-oqsma soċjali, ekonomiċi, kulturali u oħrajn. Dan jinkludi miżuri politiċi, leġislattivi u amministrattivi li jistgħu jidħlu f'aktar dettall, bħall-istabbiliment tat-taħriġ u l-edukazzjoni fid-drittijiet tal-bniedem kif ukoll programmi ta' sensibilizzazzjoni pubblika, inkluż il-promozzjoni tal-fehim reċiproku, tat-tolleranza u tal-paċi. Ħafna Stati jiżviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali. Fir-rigward tal-ġlieda kontra r-razziżmu u ksenofobija, il-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ksenofobija u l-Intolleranza Relatata li saret fl-2001 irrakkomandat ukoll l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni. L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu gwida Prattika dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni razzjali²⁴. Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) li hija l-korp ta' monitoraġġ tal-Kunsill tal-Ewropa wkoll ħarġet Rakkomandazzjonijiet ta' Politika Ġenerali fil-forma ta' linji gwida għall-iżvilupp ta' politiki ta' nondiskriminazzjoni.²⁵ Fl-Unjoni Ewropea, l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom ta' ħafna Stati Membri tal-UE huma wkoll eżempji ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali.

Fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol diversi konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li tnejn minnhom huma klassifikati mill-ILO bħala konvenzjonijiet fundamentali, jippreskrivu l-iżvilupp ta' politiki nazzjonali.

²⁴ <http://www.ohchr.org/Documents/Publications/HR-PUB-13-03.pdf>

²⁵ Ara pereżempju https://www.coe.int/t/dghl/monitoring/ecri/activities/GeneralThemes_en.asp.

L-ewwel waħda hija l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 100 dwar ir-Remunerazzjoni Ndaqs. Din teżiġi li l-istati li jirratifikawha jippromwovu u jiżguraw l-applikazzjoni għall-ħaddiema kollha tal-prinċipju tar-remunerazzjoni ndaqs lill-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol tal-istess valur. It-tieni waħda hija l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjiegi u x-Xogħol, li għandha ambitu usa', u li teżiġi lill-Istati li jirratifikawha biex jiżviluppaw u jimplimentaw politiki nazzjonali mfassla biex jipromwovu opportunità u trattament ugwali fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol, bil-ħsieb li tkun eliminata kwalunkwe diskriminazzjoni. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol²⁶, adottata fl-1998, timpenja lill-pajjiżi membri tal-ILO biex jirrispettaw, jipromwovu u jwettqu dawn il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali, inkluż l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol, irrISPettivament minn jekk irratifikawx iż-żewġ konvenzjonijiet fundamentali msemmija hawn fuq. Fl-2017, l-ILO adottat ukoll riżoluzzjoni dwar il-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fuq ix-xogħol²⁷ li tipprevedi impenn imġedded u azzjonijiet konkreti f'dan il-qasam, inkluż l-iżvilupp ta' politiki ta' nondiskriminazzjoni.

Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bil-liġi

Ħafna Stati għandhom legġislazzjoni fis-seħħ li b'mod espliċitu tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'ħafna pajjiżi, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza għall-persuni kollha huma mnaqqxa fil-kostituzzjoni nazzjonali u ssupplementati b'legġislazzjoni nazzjonali f'aktar dettall li tinkludi r-raġunijiet għad-diskriminazzjoni. L-istrutturi, l-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi ġudizzjarji u amministrattivi huma stabbiliti għall-prevenzjoni u l-infurzar tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. L-attitudnijiet u l-preġudizzji diskriminatorji jidhru ta' sikwit fl-inċitament pubbliku tal-mibegħda u l-vjolenza diretti lejn persuna jew grupp ta' persuni definiti minn karatteristiċi protetti fil-forma ta' diskors ta' mibegħda u atti vjolenti (atti ta' mibegħda) razzisti jew ksenofobiċi. Għalhekk, huwa importanti li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tkun ikkomplementata bil-projbizzjoni bil-liġi tal-inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza kif ukoll tar-reati ta' mibegħda u l-inċitament għalihom, b'rispett sħiħ tal-libertà tal-espressjoni²⁸.

²⁶ <http://www.ilo.org/declaration/lang--en/index.htm>

²⁷ ara http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/relconf/documents/meetingdocument/wcms_561873.pdf

²⁸ Il-legġislazzjoni tal-UE stess dwar l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza toffri eżempju tajjeb: Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali

Rimedju effettiv

Bħala minimu, il-liġijiet ser jeħtieġ li jkun fihom mezzi adegwati ta' protezzjoni mid-diskriminazzjoni u l-vittimizazzjoni. Dawn jinkludu l-aċċess għall-ġustizzja amministrata mit-tribunali għodizzjarji jew korpi amministrattivi kompetenti oħra li jistgħu jiggarrantixxu rimedju effettiv lill-vittma, inkluż riparazzjoni jew sodisfazzjon għal kwalunkwe ħsara jew detriment imġarrab. Biex jinkiseb rimedju effettiv, huwa importanti li l-awturi tar-reati ta' diskriminazzjoni jiġu mġiegħla jerfegħu r-responsabbiltà u li s-sanzjonijiet legali għall-ksur tal-liġijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi²⁹.

Arranġamenti raġonevoli

Fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD, 2007), arranġamenti raġonevoli tfisser modifikazzjoniet u tibdil neċessarju u xieraq li ma jimponux piż sproporzjonat jew mhux xieraq, fejn dan ikun meħtieġ f'każ partikolari, biex jassiguraw li persuna b'diżabilità tgawdi jew teżerċita fuq bażi ugwali mal-oħrajn id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha. Is-CRPD tippreskrivi li l-Istati Parti jieħdu l-passi adatti kolla biex jiżguraw li l-arranġamenti raġonevoli jiġu pprovduti. Il-provvista ta' arranġamenti raġonevoli tista' tkun ukoll rilevanti fir-rigward ta' raġunijiet oħra għad-diskriminazzjoni bħar-raġunijiet ta' reliġjon jew ta' twemmin. Id-direttiva tal-Kunsill tal-UE dwar it-trattament ugwali fl-impjiegi u x-xogħol ukoll fiha dispożizzjoni dwar arranġamenti raġonevoli³⁰.

Disinn universali

Anke skont is-CRPD, "Disinn universali" tfisser id-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi għall-użu ta' kulħadd, bl-aktar mod possibbli, mingħajr il-bżonn ta' tibdil jew disinn speċjalizzat. Id-"Disinn universali" m'għandux jeskludi apparat ta' appoġġ għal gruppi partikolari ta' persuni b'diżabilità fejn dan ikun meħtieġ.

²⁹ F'dan ir-rigward id-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi toffri eżempju tajjeb (Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI).

³⁰ Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjiegi u fix-xogħol

Miżuri speċjali u azzjoni affermattiva

Kif preskritt mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-kostituzzjonijiet u l-liġijiet ta' ċerti pajjiżi fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-eliminazzjoni tal-inugwaljanza u miżuri għall-promozzjoni tal-ugwaljanza li ta' sikwit issir referenza għalihom bħala miżuri speċjali jew azzjoni affermattiva. Pereżempju fl-Artikolu 4 tagħha, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tippreskrivi miżuri speċjali: *"L-adozzjoni mill-Istati parti ta' miżuri speċjali temporanji bil-għan li jħaffu l-ugwaljanza de facto bejn l-irġiel u n-nisa m'għandhiex titqies bħala diskriminazzjoni, iżda bl-ebda mod ma għandha bħala konsegwenza li twassal għaż-żamma ta' standards inugwali jew separati: dawn il-miżuri għandhom jitwaqqfu meta l-oġettivi tal-ugwaljanza fl-opportunità u fit-trattament ikunu ntlaħqu."* Bl-istess mod, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tippreskrivi "miżuri speċifiċi" meħtieġa biex tiġi aċċellerata jew tintlaħaq l-ugwaljanza de facto għall-persuni b'diżabilità³¹.

Ħafna pajjiżi japplikaw ċerti sistemi ta' kwoti biex irawmu aktar ugwaljanza billi jappoġġaw persuni li jappartjenu għal gruppi li jħabbtu wiċċhom, jew li kienu ħabbtu wiċċhom, ma' diskriminazzjoni stabbilita sew sabiex dawn il-persuni jkun jista' jkollhom l-istess opportunitajiet bħall-oħrajn, pereżempju biex jaċċessaw l-edukazzjoni jew impjieġ. F'xi pajjiżi jiġu stabbiliti wkoll kwoti biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti minn gruppi ta' minoranza fil-korpi rappreżentattivi politiċi bħall-parlamenti nazzjonali.

³¹ Eżempju ieħor huwa l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali li fl-Artikolu 1.4 tagħha tiddikjara li: *"Miżuri speċjali meħuda għall-iskop waħdieni li jinkiseb l-avvanz adegwat ta' ċerti gruppi razzjali jew etniċi jew individwi li jeħtieġu tali protezzjoni, kif jista' jkun meħtieġ, sabiex jiġi żgurat li tali gruppi jew individwi jgawdu jew jeżerċitaw b'mod ugwali id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni razzjali dment li, madankollu, tali miżuri ma jwasslux, bħala konsegwenza, għaż-żamma ta' drittijiet separati għal gruppi razzjali differenti u li dawn il-miżuri m'għandhomx ikomplu wara li jkunu ntlaħqu l-oġettivi li għalihom kienu ttieħdu"*.

Monitoraġġ u valutazzjoni

Sabiex il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni jkunu effettivi, jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ kontinwu tal-istat tad-diskriminazzjoni sabiex id-deterjorament kif ukoll il-progress ikunu jistgħu jiġu vvalutati tajjeb. Valutazzjonijiet preċiżi tal-istat tad-diskriminazzjoni jippermettu azzjonijiet u miżuri msejsa fuq l-evidenza, biex jikkoreġu tendenzi negattivi jew inkella biex ikomplu jsaħħu l-iżviluppi pożittivi. Barra minn hekk, ir-rapporti u d-data ta' monitoraġġ u valutazzjoni huma elementi essenzjali għar-rapporti nazzjonali li l-Istati³² huma obbligati jippreżentaw lill-korpi tat-trattati skont il-Konvenzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-korpi superviżorji tal-ILO. Għall-UE, l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Ugwaljanza Razzjali jirrikjedi li l-korpi nazzjonali għall-promozzjoni tat-trattament ugwali (Korpi tal-ugwaljanza) li l-Istati Membri kollha tal-UE huma rikjesti jkollhom, għandhom, fost funzjonijiet oħra, jagħmlu sħarriġ indipendenti li jirrigwarda d-diskriminazzjoni għall-finijiet ta' analiżi tal-problemi involuti u ta' studju tas-soluzzjonijiet possibbli³³. F'xi pajjiżi, il-kapaċità ta' monitoraġġ qiegħda f'idejn aġenziji speċifiċi tal-gvern. F'xi pajjiżi, dawn l-aġenziji huma meġhuna mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika fit-tweġiq ta' sħarriġiet u ġbir ta' data³⁴. Fl-UE, l-Istati Membri tal-UE jibbenefikaw ukoll minn ġbir ta' data, monitoraġġ u riċerka fl-UE kollha dwar id-diskriminazzjoni li jsiru mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). L-istatistika skont is-sess u l-gruppi tal-età hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Eurostat³⁵, kif ukoll id-data dwar id-dizabilità³⁶.

³² Anke l-UE skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

³³ L-Artikolu 13 u l-Premessa 24 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali

³⁴ Fil-ġbir tad-data għandu jkun hemm konformità ma' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. Għal dan l-għan, l-OHCHR żviluppat Nota ta' Gwida għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ġbir u għad-diżaggregazzjoni ta' data.

<http://www.ohchr.org/Documents/Issues/HRIndicators/GuidanceNoteonApproachtoData.pdf>

Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Manwal Ewropew dwar id-Data tal-Ugwaljanza li għandu l-għan li jippromwovi l-ugwaljanza u jikkontribwixxi għall-għieda kontra d-diskriminazzjoni fl-UE billi janalizza għaliex u liema tip ta' data għandha tinġabar fir-rigward tal-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data u l-anonimità u l-privatezza tal-persuni. Barra minn hekk, f'Lulju 2018, is-Sottogrupp dwar id-Data tal-Ugwaljanza fil-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità ħareġ Linji Gwida dwar it-titjib fil-ġbir u l-użu tad-data tal-ugwaljanza.

³⁵ <https://ec.europa.eu/eurostat/web/equality/data/database>

³⁶ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Disability_statistics

Istituzzjonijiet Nazżjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u Korpi għall-Ugwaljanza

Xi kultant, l-obbligi ta' valutazzjoni u monitoraġġ jingħataw ukoll lil korpi speċifiċi kontra d-diskriminazzjoni bħall-korpi nazżjonali għall-ugwaljanza (bħal fl-Istati membri tal-UE³⁷ u fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa³⁸). F'każijiet oħra, istituzzjonijiet nazżjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem bħall-Kummissjonijiet Nazżjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem jew l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman ikollhom dan il-kompitu.

Skont il-liġi tal-UE, il-korpi għall-ugwaljanza – li għandhom jiġu stabbiliti skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Ugwaljanza Razżjali kif ukoll skont id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali bejn l-Irġiel u n-Nisa³⁹ – iridu jkunu kapaċi li jipprovdu assistenza legali indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni; li jagħmlu sħarriġ indipendenti li jirrigwarda d-diskriminazzjoni; li jipublikaw rapporti indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mad-diskriminazzjoni. Sabiex jiżguraw li l-korpi għall-Ugwaljanza jiffunzjonaw b'mod effettiv u indipendenti, l-Istati Membri tal-UE huma rakkomandati biex iqisu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istandards għall-Korpi għall-Ugwaljanza adottata fit-22 ta' Ġunju 2018 (C (2018) 3850 final)⁴⁰. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata partikolarment lill-Istati u tinkludi diversi standards li jikkonċernaw il-mandat tal-korpi għall-ugwaljanza, l-indipendenza, ir-riżorsi, l-aċċess u l-aċċessibilità tagħhom, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jikkoordinaw u jikkooperaw fil-livelli nazżjonali u internazzjonali.

Fis-7 ta' Diċembru 2017, fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) adottat Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 2 riveduta dwar il-korpi għall-ugwaljanza għall-ġlieda kontra r-raziżmu u l-intolleranza fil-livell nazżjonali biex ikompli jissaħħu l-effikaċja, il-funzjonament u l-indipendenza tal-korpi għall-ugwaljanza⁴¹.

³⁷ Il-legislażżjoni tal-UE għat-trattament ugwali tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu korp għall-ugwaljanza. L-Istati Membri implimentaw id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razżjali (2000/43/KE) u d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali bejn l-Irġiel u n-Nisa (2010/41) jew billi ħatru xi istituzzjoni eżistenti jew billi stabbilew istituzzjoni ġdida biex twettaq il-kompiti assenjati bil-legislażżjoni l-ġdida.

³⁸ Għal aktar tagħrif dwar il-Kunsill tal-Ewropa (KtE), ara l-Anness II

³⁹ Direttiva 2004/113/KE, Direttiva 2006/54/KE (Riformulazzjoni) u d-Direttiva 2010/41/UE.

⁴⁰ Disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018H0951>

⁴¹ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 2 oriġinali ġiet adottata fit-13 ta' Ġunju 1997. Disponibbli fuq <https://www.coe.int/en/web/european-commission-against-racism-and-intolerance/recommendation-no.2>

Il-Prinċipji ta' Pariġi adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1993⁴² jikkostitwixxu l-prinċipji tal-kompetenza u r-responsabbiltajiet tal-Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRI) fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Skont il-Prinċipji ta' Pariġi, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u b'mod partikolari d-diskriminazzjoni razzjali, permezz tas-sensibilizzazzjoni pubblika, speċjalment permezz tal-informazzjoni u l-edukazzjoni, hija r-responsabbiltà tal-NHRIs. L-NHRIs jistgħu wkoll janalizzaw leġislazzjoni u dispożizzjonijiet amministrattivi u jagħtu rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni ta' liġijiet jew emendi ġodda biex tissaħħaħ il-konformità mal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem.

Skont il-Prinċipji ta' Pariġi, l-NHRIs jistgħu wkoll jistabbilixxu mekkaniżmi ta' lmentar. Il-mekkaniżmi ta' lmentar jippermettu lill-NHRIs jisimgħu u jqisu lmenti u petizzjonijiet imressqa minn individwi jew mis-soċjetà ċivili, janalizzaw il-każ inkwistjoni, jistudjaw u jirakkomandaw soluzzjonijiet possibbli inkluż permezz tal-konċiljazzjoni u jagħtu għajna konkreta lill-vittmi biex ifittxu u jaċċessaw rimedji.

3. Linji Gwida Operazzjonali

Għodod, strumenti u azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-Politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Azzjoni Esterna

Fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u bħala parti mill-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem tagħha, l-UE ser tuża l-għodod kollha tagħha, inkluż billi ssaħħaħ is-sinerġiji bejn l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex tiżgura u tippromwovi r-rispett tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

⁴² Riżoluzzjoni A/48/134 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU

Filwaqt li l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem joffru struzzjonijiet ta' gwida applikabbli fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-Linji Gwida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ġejjin huma partikolarment rilevanti:

Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (2008)

Il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom (2008)

Linji Gwida tal-UE dwar it-tfal u l-konflitti armati (2008)

Il-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni lezġbani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) (2013)

Dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin (2013)

Linji Gwida dwar id-Drittijiet tal-Tfal (2017).

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II)⁴³ jipprevedi linji gwida operazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tishiġ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-qerda tal-forom kollha tal-vjolenza sessista⁴⁴.

⁴³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 tas-26 ta' Ottubru 2015 (13201/15) - GAP II għall-azzjonijiet esterni li għandu l-għan li jiżgura t-twettiq effettiv tal-impenji tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi, żieda fl-irfiġh tar-responsabbiltà bid-definizzjoni tar-riżultati mistennija, traċċar tar-riżorsi kif ukoll titjib fil-kwalità tas-sħubiji, il-koordinazzjoni u d-djalogu fil-livell kollha. Wieħed mit-tliet pilastri tematiċi fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa l-Integrità Fiżika u Psikoloġika, fejn il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, hija qasam ewlieni ta' azzjoni. L-Impenn Strateġiku tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perijodu 2016-2019 huwa wkoll rilevanti għall-azzjonijiet u l-indikaturi tal-ugwaljanza bejn is-sessi; <https://ec.europa.eu/anti-trafficking/eu-policy/strategic-engagement-gender-equality-2016-2019>

⁴⁴ Il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jistgħu jinsabu fuq dan is-sit web https://eeas.europa.eu/topics/human-rights-democracy/6987/eu-human-rights-guidelines_en. Minbarra dawk elenkati f'din il-paġna hemm linji gwida dwar (fost l-oħrajn): il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, il-Piena tal-Mewt, id-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' pajjiżi terzi, id-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dak Umanitarju, u t-Tortura u t-trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra.

L-inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Jista' jkun effettiv ħafna li jiġi enfasizzat u mfaħħar il-progress f'pajjiżi individwali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Għal dan l-għan, l-inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem toffri mezz importanti biex jintwerew u jiġu skambjati stejjer tajbin relatati man-Nondiskriminazzjoni. Fit-73 Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2018, l-UE flimkien mal-Ministri u r-rappreżentanti minn tlettax-il pajjiż varat inizjattiva globali għall-promozzjoni ta' "Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem". L-inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandha l-għan li tippromwovi narrattiva pożittiva ġdida dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, ibbażata fuq iċ-ċelebrazzjoni tar-responsabbiltà individwali u transreġjonali tal-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem. Il-partiċipanti jieħdu l-impenn li jirrispettaw u jtejbu d-drittijiet tal-bniedem domestikament u internazzjonalment, permezz tal-governanza tajba, istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija b'saħħithom u indipendenti, u billi jaħdmu mill-qrib mas-soċjetà ċivili. Il-partiċipanti fl-inizjattiva ħadu l-impenn li jkomplu l-ħidma tagħhom abbażi tal-kooperazzjoni tematika, partikolarment fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3.1 Indirizzar tad-diskriminazzjoni permezz tal-kooperazzjoni bilaterali u d-djalogu

Valutazzjoni, analiżi u rappurtar ta' nondiskriminazzjoni

L-UE ser tivvaluta, tanalizza u tirrapporta kontinwament dwar l-istat tad-diskriminazzjoni fil-pajjiżi sħab tagħha dwar ir-raġunijiet ipprojbti kollha sabiex tiżgura r-rispett għall-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u sabiex issegwi l-progress u tidentifika l-problemi. Id-deskrizzjoni u l-analiżi tal-miżuri legali u ta' politika meħuda għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jikkontribwixxu biex tingħata l-istampa sħiħa tal-istat tad-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-proċedimenti u s-sentenzi tal-qrati f'kawżi ta' diskriminazzjoni jagħtu indikazzjonijiet importanti dwar il-problemi u l-progress fin-nondiskriminazzjoni.

Il-valutazzjoni u l-analiżi tal-istat tan-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu bbażat fuq l-informazzjoni li ssir disponibbli mill-gvernijiet nazzjonali u lokali, inkluż l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika; l-istituzzjonijiet nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-korpi għall-ugwaljanza u l-uffiċċji tal-Ombudsman; is-soċjetà ċivili (skont il-pajjiż u internazzjonali); l-akkademja kif ukoll ir-rapporti ta' informazzjoni u monitoraġġ ipprovduti mid-detenturi ta' mandati internazzjonali, bħall-mekkaniżmi tal-Proċeduri Speċjali tan-NU, il-korpi tat-Trattati tan-NU, l-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u l-korpi ta' monitoraġġ tal-Kunsill tal-Ewropa, u l-korpi superviżorji standard tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Ir-rapporti tal-Eżamijiet Nazzjonali Volontarji (VNR) dwar il-progress fil-livell nazzjonali u dak subnazzjonali dwar l-SDGs ippreżentati lill-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) huma wkoll sorsi importanti ta' informazzjoni. Ir-rapporti ta' monitoraġġ darbtejn f'sena mill-Kummissjoni Ewropea skont l-arranġament tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi+ (SGP+) tal-UE huma wkoll sors importanti ta' informazzjoni dwar il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-iskema. Barra minn hekk, ir-rapporti ta' monitoraġġ jipprovdu bażi tajba għal djalogu politiku b'influwenza fuq kwistjonijiet ikkonċernati (billi ż-żamma tal-preferenzi kummerċjali hija importanti għall-pajjiżi fil-SGP+).

Il-valutazzjoni u l-analiżi tal-istat tan-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu ppreżentati fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (HRDCS)⁴⁵ li jmiss taħt il-kapitolu li għandu x'jaqsam man-Nondiskriminazzjoni u l-Esklużjoni kif ukoll fit-taqsimiet rilevanti tiegħu dwar ir-raġunijiet speċifiċi għad-diskriminazzjoni u/jew għall-gruppi diskriminati. Is-sommarji dwar l-istat tan-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu riflessi wkoll bħala suġġett ta' prijorità fis-sommarju introdutturju ġenerali tal-HRDCS. Kull fejn ikun rilevanti, l-aġġornamenti dwar l-istat tan-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu riflessi fir-rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni kemm tal-HRDCS attwali kif ukoll f'dawk futuri.

⁴⁵ L-HRDCS attwali jkopru s-snin 2016-2020.

Rapporti tal-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE

L-aġġornamenti pertinenti jew urġenti dwar l-istat tan-nondiskriminazzjoni jistgħu wkoll jintbagħtu frapporti tal-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE (rapporti tal-KtM). Meta jkun rilevanti, ir-rapporti tal-KtM jistgħu jinkludu pjanijiet jew rakkomandazzjonijiet għal miżuri li għandhom jittieħdu mill-UE biex jindirizzaw każijiet individwali jew emblematiċi ta' ksur tad-dritt tan-nondiskriminazzjoni għal raġunijiet ipprojbti kif ukoll diskriminazzjoni strutturali. Il-miżuri proposti *jistgħu jinkludu* li jsiru démarches kunfidenzjali mal-awtoritajiet rilevanti, inkluż f'każijiet taħt il-punt fl-aġenda li għandu x'jaqşam man-nondiskriminazzjoni fid-djalogi politiċi, *li jinkludi* d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll azzjonijiet ipplanati jew meħuda biex jindirizzaw jew jiġġieldu l-ksur, inkluż permezz ta' avvenimenti pubbliċi. Il-KtM huma mħeġġa wkoll jagħtu suġġerimenti għall-Inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Miżura oħra li għandha tittieħed tista' wkoll tinkludi l-proposta u t-twettiq ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, permezz ta' dikjarazzjoni lokali maqbula bejn il-KtM jew permezz ta' dikjarazzjoni tal-kelliema mill-Kwartieri ġenerali.

Démarches u dikjarazzjonijiet pubbliċi

Démarches kunfidenzjali u dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar kwistjonijiet ta' nondiskriminazzjoni huma partikolarment rilevanti f'każijiet u sitwazzjonijiet ta' riskju għoli. Madankollu tista' tkun ukoll daqstant rilevanti r-reazzjoni għal żviluppi pożittivi bħal meta pajjiżi sħab jirratifikaw strumenti importanti dwar id-drittijiet tal-bniedem li għandhom effett fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pajjiż sieħeb.

Ta' min jinnota li fl-Azzjoni Esterna tal-UE, ir-RGħVP, f'isem l-UE, toħroġ dikjarazzjonijiet fuq każijiet individwali kif ukoll għal jiem internazzjonali marbuta ma' gruppi partikolarment diskriminati jew għal raġunijiet ipprojbti għad-diskriminazzjoni.

Dawn jinkludu:

it-8 ta' Marzu, il-Jum Internazzjonali tan-Nisa

il-21 ta' Marzu, il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali

is-17 ta' Mejju, il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija⁴⁶

id-9 ta' Awwissu, il-Jum Internazzjonali tal-Popli Indiġeni tad-Dinja

il-25 ta' Novembru, il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa

Għandu jingħad ukoll li r-RGħVP u l-Kummissjoni Ewropea⁴⁷ jorġu dikjarazzjoni għall-Jum Universali tat-Tfal fl-20 ta' Novembru.

Każijiet individwali

Il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-linji gwida dwar id-DDB)⁴⁸ japplikaw fl-attenzjoni u l-appoġġ mogħtija mid-delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri lill-individwi jew gruppi mhedda bħala vittmi ta' diskriminazzjoni jew bħala difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu qed jaħdmu biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni. Huwa importanti li jiġi nnutat li l-linji gwida dwar id-DDB jippreskrivu li fejn ikun xieraq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu kkonsultati b'rabta ma' azzjonijiet li l-UE tista' tkun qed tikkontempla.

Il-linji gwida dwar id-DDB jipprevedu wkoll l-attenzenza u l-osservazzjoni, fejn ikun xieraq, tal-proċessi ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu.

Fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni l-attenzenza u l-osservazzjoni ta' proċessi fil-qorti huma rilevanti wkoll f'każijiet fejn ma jkun hemm ebda theddida diretta, iżda fejn liġijiet marbutin mad-diskriminazzjoni jew liġijiet diskriminatorji jkunu għaddejjin minn proċess jew ikunu qed jiġu kkontestati.

⁴⁶ Maħruġa bħala dikjarazzjoni tal-UE.

⁴⁷ Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Kummissarji rilevanti tal-UE jorġu dikjarazzjonijiet annwali għal, fost l-oħrajn, il-Jum Ewropew ta' Azzjoni fil-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda kontra l-Musulmani, il-Jum Internazzjonali tar-Rom, il-Jum Internazzjonali għall-Għarfien dwar l-Albiniżmu, il-Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabilità.

⁴⁸ https://eeas.europa.eu/headquarters/headquarters-homepage_en/3958/EU%20Guidelines%20on%20Human%20Rights%20Defenders

Djalogi Politiċi

Il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni hija waħda mill-kwistjonijiet ta' prijorità inklużi fl-aġenda għal kull djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan japplika mhux biss għad-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fihom infushom iżda wkoll għal tipi oħra ta' djalogi li l-UE jkollha ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali. Pereżempju, fil-qafas tal-preferenzi kummerċjali previsti fl-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba ("SGP+") il-pajjiżi jridu jiffirmaw ftehim vinkolanti biex isostnu d-djalogu mal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' 27 konvenzjoni internazzjonali, li tlieta minnhom huma espliċitament marbutin mad-diskriminazzjoni (ara aktar 'il fuq dwar is-SGP+). Id-djalogu dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem isir ukoll fil-qafas ta' diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni oħrajn tal-UE bħal pereżempju fil-qafas tal-ftehim ta' Cotonou. L-aġġornamenti għall-istat ta' nondiskriminazzjoni fir-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali tal-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (HRDCS) u r-rapporti tal-Kapijiet tal-Missjonijiet huma essenzjali għat-tħejjijiet u t-tnebbiħ tad-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwistjonijiet oħrajn li jistgħu jitqajmu waqt id-djalogi jinkludu dawn li ġejjin:

- Każijiet individwali ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem/ksur ta' liġi u prinċipji nondiskriminatorji.
- L-inkoraġġiment ta' pajjiżi sħab biex jagħtu bidu għal bidliet biex itemmu l-prattiki ta' ħsara li, fost l-oħrajn, jiddiskriminaw kontra n-nisa u l-bniet.
- L-inkoraġġiment ta' pajjiżi sħab biex dawn jagħtu bidu għal bidliet legiſlattivi biex jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza quddiem il-liġi.
- L-inkoraġġiment ta' pajjiżi sħab biex dawn jiffirmaw u/jew jirratifikaw strumenti internazzjonali rilevanti, u biex ineħħu kull riżerva rilevanti għal dawn l-istrumenti.
- L-inkoraġġiment ta' pajjiżi sħab biex dawn joħorġu stedina permanenti lill-Proċeduri Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll lil dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, biex jaċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom u jimplimentawhom.
- L-appoġġ għal pajjiżi sħab li huma favur il-promozzjoni u l-ħarsien tan-nondiskriminazzjoni, l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib f'fora multilaterali u l-promozzjoni tal-isforzi tagħhom bħala eżempji fuq livell reġjonali u dinji, inkluż bħala parti mill-Inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

- L-inkoraġġiment ta' skambju ta' informazzjoni, taġġlimiet meħuda u l-aħjar prattiki ma' pajjiżi sħab.

Fit-tnejn għall-iskambju ta' informazzjoni, l-UE għandha tkun mgħammra biex u lesta tiddiskuti l-istat tad-diskriminazzjoni fl-UE kif ukoll żviluppi politiċi u legi slattivi fil-livell tal-UE.

Id-djalogi għandhom iwasslu għal riżultati konkreti fl-għamla ta' impenji politiċi miż-żewġ naħat u meta jkun xieraq f'impenji għal appoġġ finanzjarju jew prattiku fil-qafas tal-programmi ta' kooperazzjoni rilevanti.

Żjarat ta' livell għoli tal-UE fil-Missjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi

Rappreżentanti ta' livell għoli tal-UE (il-President tal-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli/ Viċi President; il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissarji, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern u ministri tal-gvern, u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE) li jżuru missjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi, għandhom ikunu mgħammra b'informazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni u jitħeġġu jqajmu l-kwistjoni mal-kontropartijiet lokali u jiltaqgħu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u rappreżentanti ta' persuni u gruppi diskriminati, inkluż permezz ta' żjarat f'żoni rurali u ġeografikament imbiegħda/iżolati.

3.2 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Assistenza Umanitarja tal-UE

L-Aġenda 2030 toffri pjattaforma b'saħħitha biex jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi fi kwalunkwe pajjiż. F'Settembru 2015, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York. L-Aġenda 2030 bis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, il-169 mira tagħhom u l-prinċipju ta' gwida tagħha "Ħadd ma jitħalla jibqa' lura" hija bidla fil-qafas ta' ħsieb lejn mudell aktar ibbilanċjat għal żvilupp ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli bil-għan li jiġu żgurati l-libertà mill-biża' u l-libertà miċ-ċaħda għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni.

L-Aġenda 2030 tappella biex il-proċessi ta' segwitu u ta' eżami għall-SDGs ikunu msejsin fuq evidenza u data mqassma skont id-dħul, il-ġeneru, l-età, ir-razza, l-etniċità, l-istatus migratorju, id-diżabilità, il-post ġeografiku u karatteristiċi oħrajn rilevanti fil-kuntesti nazzjonali⁴⁹.

Il-Forum Politiku ta' Livell Għoli tal-Aġenda 2030 jivvaluta l-progress, il-kisbiet u l-isfidi li qed jiffaċċaw il-pajjiżi kollha fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs. Il-Forum jiltaqa' kull sena u jwettaq eżami tematiku fejn jintgħażel subsett ta' miri għal eżami fil-fond u integrat. Is-sessjoni tal-Forum tinkludi wkoll *Eżamijiet Nazzjonali Volontarji* dwar is-segwitu u l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell nazzjonali.

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp adottat fl-2017 huwa t-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli fil-politika tal-iżvilupp tagħha. Huwa jstabbilixxi l-qafas ta' politika li ser jiggwida l-approċċ tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jagħmel enfasi fuq sħubijiet differenzjati u mfasla aħjar ma' pajjiżi sħab fil-livelli differenti tal-iżvilupp biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Flimkien mal-Istrateġija Globali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, il-Kunsens jagħti kontribut ukoll biex jinkisbu l-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE. Barra minn hekk, ser jinħareġ dokument ta' riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030"⁵⁰ bil-ħsieb li titħejja l-viżjoni fit-tul tal-UE dwar il-ħidma li għandha ssegwi l-SDGs tan-NU wara l-2020.

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jerġa' jafferma l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimplementaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet (RBA) għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem. B'hekk isaħħaħ l-impenn tal-UE għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet kif deskritt fil-Qafas Strateġiku tal-2012 tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u għall-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem fis-setturi kollha ta' politika kif previst fl-Istrateġija Globali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE. Peress li dawn il-Linji Gwida dwar in-Nondiskriminazzjoni, flimkien ma' Linji Gwida oħrajn tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma maħsubin ukoll biex jikkomplementaw u jnebbħu l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, it-taqsimha hawn taħt hi ddedikata għal deskrizzjoni qasira ta' dan l-approċċ u l-prinċipji li jiggwidawh.

⁴⁹ (Ara l-lista taħt il-Mira 17.18 fid-dok. A/RES/70/1).

⁵⁰ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-6111_mt.htm

X'inhum l-approċ ibbażat fuq id-drittijiet?⁵¹

L-approċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jħaddan fih id-drittijiet kollha tal-bniedem għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE huwa metodoloġija ta' ħidma diretta għall-kisba tad-drittijiet tal-bniedem fil-prattika.

L-approċ jintegra n-normi, l-istandards u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-pjanijiet, il-politiki u l-proċessi ta' programmi u proġetti ta' żvilupp u japplika għas-setturi kollha, il-modalitajiet kollha, u kull pass taċ-ċiklu tal-proġetti – l-identifikazzjoni, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

L-approċ jimplika li l-gruppi fil-mira jitqiesu "detenturi ta' drittijiet" bi intitolamenti legali, u li l-istituzzjonijiet governattivi mhumiex sempliċement fornituri ta' servizzi iżda "dawk li għandhom dmirijiet," li għandhom l-obbligu li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem. F'konformità ma' Approċ Ibbażat fuq id-Drittijiet, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tagħti kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-"detenturi ta' drittijiet" li jitolbu d-drittijiet tagħhom u l-"dawk li għandhom dmirijiet" li jwettqu l-obbligi tagħhom.

Il-proġetti ta' żvilupp jista' jkollhom impatt negattiv mhux maħsub b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, bħall-iżvantagġar ta' ċerti gruppi, interferenza fid-drittijiet ta' parteċipazzjoni u d-drittijiet tax-xogħol jew kontribut għal ċaqliq sfurzat. Għaldaqstant huwa importanti li jitħares il-prinċipju "tagħmel ebda ħsara" u li jitwettqu l-analiżi u l-mitigazzjoni meħtieġa.

Il-kisba tad-drittijiet tal-bniedem għandha tkun l-għan aħħari tal-interventi kollha tal-UE għall-iżvilupp. Il-programmi u l-proġetti jeħtieġ li jivvalutaw il-kapaċitajiet tad-detenturi ta' drittijiet u ta' dawk li għandhom dmirijiet u jżviluppaw l-istrateġiji xierqa biex jibnu dawn il-kapaċitajiet. Fil-qalba tiegħu, l-approċ jirrikonoxxi li relazzjonijiet inugwali ta' setgħa u l-esklużjoni soċjali jċaħħdu lin-nies mid-drittijiet tal-bniedem tagħhom u sikwit iżommuhom fil-faqar. L-approċ għaldaqstant jagħmel enfasi qawwija fuq persuni u gruppi diskriminati, vulnerabbli, żvantaġġati, u esklużi.

⁵¹ Hemm ippreżentata aktar gwida dwar il-metodoloġija tal-approċ ibbażat fuq id-drittijiet fis-sett ta' għodod tal-UE marbutin mal-approċ ibbażat fuq id-drittijiet, disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bl-Ispanjol hawnhekk: http://www.ec.europa.eu/europeaid/sectors/rights-based-approach-development-cooperation_en

Il-metodoloġija ta' ħidma tiegħu tagħraf li l-ħidma għall-eżiti mixtieqa fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fiha nnifisha, mhijiex biżżejjed. Il-mod kif jinkisbu dawn l-eżiti hu daqstant importanti. Il-programmi għalhekk jissorveljaw u jevalwaw kemm l-eżiti kif ukoll il-proċessi. Wieħed mill-prinċipji ta' ħidma ewlenin tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-UE huwa n-"Nondiskriminazzjoni u l-aċċess ugwali"⁵² biex jiġi żgurat li l-attivitajiet kollha jagħtu prijorità lill-persuni u l-gruppi l-aktar esklużi u vulnerabbli u jevitaw li jikkontribwixxu għal xejriet stabbiliti ta' diskriminazzjoni.

Il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja

Il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007 għandu l-għan li jtejjeb il-koerenza, l-effettività, u l-kwalità tar-rispons umanitarju tal-UE. L-għanijiet ewlenin tal-azzjonijiet umanitarji, kif imniżżla fil-Kunsens, huma li tiġi ppreservata l-ħajja, li tiġi evitata u tittaffa t-tbatija, u li tingħata għajnuna biex tinżamm id-dinjità tal-bniedem quddiem diżastri naturali u kkawżati mill-bnedmin. Fid-dokument l-UE ttenni l-impenji tagħha għall-prinċipji fundamentali tal-għajnuna umanitarja - in-newtralità, l-umanità l-indipendenza, u l-imparzjalità - u għar-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali.

Il-prinċipju tal-imparzjalità hu marbut mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni peress li l-għajnuna umanitarja għandha tingħata biss abbażi tal-ħtiġijiet, mingħajr diskriminazzjoni bejn jew fost popolazzjonijiet milquta.

⁵² **Il-ħames Prinċipji ta' Ħidma tal-Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-UE: 1. L-applikazzjoni tad-drittijiet kollha** (il-legalità, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem) – Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, inaljenabbli u indiviżibbli – id-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ekonomiċi, politiċi, ċivili, kulturali kif ukoll soċjali, għandhom validità u importanza ugwali. **2. Parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid ta' deċżjonijiet u aċċess għalih** – Il-parteċipazzjoni hija l-bażi taċ-ċittadinanza attiva. Parteċipazzjoni attiva, ħielsa u bis-sens hija kemm mezz kif ukoll għan fiha nnifisha. **3. Nondiskriminazzjoni u aċċess ugwali** – l-attivitajiet iridu jagħtu prijorità lill-gruppi l-aktar marġinalizzati u jevitaw li jikkontribwixxu għal xejriet stabbiliti ta' diskriminazzjoni. **4. Rfiegħ ta' responsabbiltà u aċċess għall-istat tad-dritt** – l-attivitajiet iridu jippromwovu mekkaniżmi aċċessibbli, trasparenti u effettivi ta' rfiegħ ta' responsabbiltà. **5. Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni** – il-programmi u l-proġetti ta' żvilupp iridu jkunu trasparenti, fejn l-informazzjoni tkun disponibbli f'formati aċċessibbli, inkluż għall-gruppi marġinalizzati.

3.3 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz ta' kooperazzjoni multilaterali

L-UE għandha tkompli l-involviment attiv tagħha fi kwistjonijiet ta' nondiskriminazzjoni u fil-ħarsien u l-promozzjoni tad-dritt għan-nondiskriminazzjoni fil-fora multilaterali rilevanti kollha li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma attivi fihom billi

- Tħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex jinkoraġġixxu lill-istati jirratifikaw in-normi u l-istandards internazzjonali rilevanti u jikkonformaw magħhom.
- Tinkorpora t-tħassib b'rabta man-nondiskriminazzjoni f'dikjarazzjonijiet u f'mistoqsijiet waqt djalogi interattivi.
- Tappoġġa l-ħidma tal-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) tan-NU u l-korpi tat-Trattati, il-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza kif ukoll mekkaniżmi internazzjonali u reġjonali rilevanti oħrajn għad-drittijiet tal-bniedem.
- Tinkoraġġixxi lill-pajjiżi terzi jagħmlu stedinet lil proċeduri speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem minn organizzazzjonijiet internazzjonali, u jaċċettaw u jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.
- Tinkludi mistoqsijiet u rakkomandazzjonijiet dwar in-nondiskriminazzjoni f'interventi matul il-proċess tal-Eżami Perjodiku Universali fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra.
- Tippreżenta dikjarazzjonijiet tal-UE dwar diskussjonijiet ġenerali u każijiet ta' pajjiżi marbutin ma' diskriminazzjoni fl-impjeg/fuq ix-xogħol diskussi fil-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol u l-Korp Governattiv tal-ILO.
- Tieħu sehem attiv fil-preżentazzjoni tal-politika tal-UE u l-interazzjoni ma' partijiet ikkonċernati rilevanti waqt il-Laqgħat għall-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana tal-OSKE/ODIHR u f'fora oħrajn tal-OSKE.
- Tinkludi kwistjonijiet ta' nondiskriminazzjoni meta organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali jiżviluppaw strumenti u linji gwida għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

- Tidentifika Stati tal-istess fehma; tikkollabora fuq bażi transreġjonali (eż. fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti paralleli); taqsam il-prattiki tajbin, fost oħrajn permezz tal-Inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
- Tagħti attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti, u tħeġġeġ lill-Istati jaċċettawhom u jimplementawhom.
- Tikkollabora mal-uffiċċji lokali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħall-OHCHR, entitajiet oħrajn tan-NU, l-ILO, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE) fl-indirizzar tan-nondiskriminazzjoni.
- Tinkludi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem u rappreżentanti ta' persuni u gruppi milqutin minn diskriminazzjoni f'avvenimenti paralleli li jsiru f'fora multilaterali.
- Tieġu sehem attiv fil-mekkaniżmi u l-proċessi tan-NU dedikati għal kwistjonijiet ġenerali u speċifiċi marbutin mad-diskriminazzjoni bħal, fost oħrajn, ir-reliġjon jew twemmin, ir-razziżmu u l-ksenofobija, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, ir-Rom, diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kasti (xogħol u dixxendenza), persuni LGBTI, persuni ikbar fl-età, raħħala, popli indiġeni u persuni minn minoranzi.

3.4 Tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni permezz ta' sforzi ta' appoġġ mis-soċjetà ċivili⁵³

Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 dwar l-involvement tal-UE mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni⁵⁴, il-Kunsill jafferma mill-ġdid "**li l-appoġġ tal-UE lill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) għandu jidher b'mod aktar prominenti fis-sħubijiet kollha u involvement aktar strateġiku mal-OSĊ għandu jiġi integrat fl-istrumenti u l-programmi esterni kollha u fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari fil-Politika tal-UE għall-Iżvilupp, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Politika tat-Tkabbir tal-UE". L-involvement mas-soċjetà ċivili hu indispensabbli wkoll għall-approċċ strateġiku tal-UE għar-reżiljenza fl-Azzjoni Esterna tal-UE⁵⁵.**

Is-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, kif ukoll organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jirrappreżentaw persuni u gruppi diskriminati, jaqdu rwol essenzjali fil-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Għaldaqstant huwa importanti wkoll li tiġi żgurata attenzjoni għal organizzazzjonijiet li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u/jew li jirrappreżentaw persuni u gruppi milqutin minn diskriminazzjoni fil-Pjanijiet Direzzjonali għas-Soċjetà Ċivili, imfasslin mill-UE kif previst mill-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2012 relatata u l-konklużjonijiet tal-Kunsill⁵⁶ relatati.

⁵³ Is-soċjetà ċivili tintuża fl-usa' sens bħala li tħaddan fiha organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ barra l-gvern u l-amministrazzjoni pubblika u li jkunu indipendenti mill-istat; huma attivi f'oqsma differenti (Drittijiet tal-Bniedem, it-tnaqqis tal-faqar, l-emerġenza, l-ambjent eċċ.) Jinkludu organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet lokali, kooperattivi, trade unions, assoċjazzjonijiet professjonali, universitajiet, fondazzjonijiet tal-media u indipendenti, organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet rappreżentattivi tal-popli indiġeni eċċ.

⁵⁴ Brussell, 19 ta' Ġunju 2017 (OR. en) 10279/17, <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10279-2017-INIT/mt/pdf>

⁵⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill "Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-Azzjoni Esterna tal-UE", Brussell, 13 ta' Novembru 2017 (OR. En) 14191/17

⁵⁶ "L-għeruf ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni", 13788/12 - COM(2012) 492 final

Fl-involvement tagħha mas-soċjetà ċivili l-UE għandha żżomm konverżazzjoni dwar il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, għandhom jiġu kkonsultati qabel jew meta jiġu kkunsidrati miżuri ta' appoġġ. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:

- L-għoti ta' messaġġi ta' appoġġ politiku lis-soċjetà ċivili li taħdem fil-livell tal-pajjiżi jew dak internazzjonali.
- L-iżgurar ta' attivitajiet frekwenti ta' komunikazzjoni f'żoni rurali u ġeografikament iżolati.
- Il-faċilitazzjoni ta' informazzjoni dwar il-finanzjament disponibbli, fil-qafas ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE u/jew skont strumenti rilevanti tal-Istati Membri tal-UE.
- L-għoti ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-UE u liġijiet u prattiki rilevanti tal-UE.
- It-trawwim tal-viżibbiltà ta' organizzazzjonijiet lokali (eż. l-organizzazzjoni ta' dibattiti u seminars; l-appoġġ għal avvenimenti kulturali, konferenzi, attenzjoni fil-media u l-użu tal-media soċjali jew proġetti soċjali.)
- L-appoġġ għal /il-faċilitazzjoni ta' / li jkunu possibbli taħriġ u edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem għas-soċjetà ċivili
- L-appoġġ tal-isforzi tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali biex jagħtu bidu għal bidliet biex itemmu l-prattiki ta' ħsara li, fost l-oħrajn, jiddiskriminaw kontra n-nisa u l-bniet
- L-inkoraġġiment u l-appoġġ ta' djalogi u komunikazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali u lokali dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni
- L-inkoraġġiment u l-appoġġ ta' sehem attiv f'fora multilaterali u mekkaniżmi dwar kwistjonijiet ġenerali u speċifiċi marbutin mad-diskriminazzjoni bħal, fost oħrajn, id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin, ir-razziżmu u l-ksenofobija, id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI, id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, id-diskriminazzjoni kontra r-Rom, id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-kasti (xogħol u dixxendenza), il-popli indiġeni u persuni minn minoranzi.

- L-inkoraġġiment lill-OSĊ lokali u internazzjonali biex jinkludu tagħrif dwar in-nondiskriminazzjoni fir-rapporti alternattivi tagħhom lil mekkaniżmi reġjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, korpi tat-trattati tan-NU, l-Eżami Perjodiku Universali mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, mekkaniżmi superviżorji tal-istandards tal-ILO kif ukoll il-mekkaniżmu tal-Eżami Nazzjonali Volontarju (VNR) fil-qafas tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tal-SDGs.
- L-inkoraġġiment tas-sehem u l-kontributi tal-OSĊ fl-inizjattiva Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
- Is-suġġeriment li Rapporteurs Speċjali tan-NU fuq żjarat, Koordinaturi Residenti tan-NU, Missjonijiet Superviżorji tal-ILO, Rappreżentanti Speċjali tal-UE u ekwivalenti minn korpi internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem jiltaqgħu ma' OSĊ lokali li jaħdmu fuq in-nondiskriminazzjoni u/ jew jirrappreżentaw persuni u gruppi milqutin minn diskriminazzjoni.

4. Segwitu u eżami tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni

Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) tal-Kunsill ser jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni. Il-COHOM ser jinvolvi, meta jkun xieraq, gruppi ta' ħidma oħrajn tal-Kunsill, fosthom il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Kunsill. Ser ikun hemm skambji regolari ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni u r-rieżami ta' dawn il-Linji Gwida.

ANNEX I: Strumenti Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strumenti Internazzjonali tax-Xogħol (tal-ILO), u strumenti tad-dritt umanitarju partikolarment rilevanti għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni

L-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza u l-interkonnnessjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma riflessi fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem, kemm dawk vinkolanti kif ukoll dawk mhux vinkolanti. Għaldaqstant l-istrumenti kollha tad-drittijiet tal-bniedem huma rilevanti biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni. L-istrumenti internazzjonali mniżżlin hawn taħt huma dawk li b'mod ċar jiddikjaraw il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, jelenkaw ir-raġunijiet għal diskriminazzjoni pprojbiti u/jew jindirizzaw raġunijiet speċifiċi għal diskriminazzjoni.

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR, 10 ta' Diċembru 1948)

Konvenzjoni kontra d-Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni (UNESCO1960)

Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD, 21 ta' Diċembru, 1965)*

Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR, 16 ta' Diċembru, 1966)*

Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR, 16 ta' Diċembru, 1966)
*

Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW, 18 ta' Diċembru, 1979) *

Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC, 20 ta' Novembru, 1989) *

Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD, 13 ta' Diċembru, 2007)

Konvenzjoni dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv (ILO C.98, Lulju, 1949)

Konvenzjoni dwar il-Migrazzjoni għal Impjieġ (Riveduta) (ILO c. 97, Lulju 1949)

Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Ndaqs (ILO c.100, Ġunju, 1951) *

Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjieġi u x-Xogħol (ILO C.111, Ġunju, 1958)
*,

Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Migranti (Dispożizzjonijiet Supplementari) (ILO c. 143, Ġunju, 1975)

Konvenzjoni dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (ILO c.169, Ġunju, 1989)

Konvenzjoni dwar Ħaddiema b'Responsabbiltajiet Familjari (ILO c. 156, Ġunju, 1981)

Konvenzjoni dwar ir-Riabilitazzjoni Vokazzjonali u l-Impjiegi ta' Persuni b'Diżabilità (ILO, c. 159, Ġunju, 1983)

Konvenzjoni dwar il-Persunal Domestiku (ILO c. 189, Ġunju, 2011)

Konvenzjoni ta' Ġinevra (I) dwar il-Midruba u l-Morda fil-Forzi Armati fil-Kamp, 1949

Konvenzjoni ta' Ġinevra (II) dwar il-Midruba, il-Morda u n-Nawfragi tal-Forzi Armati fuq il-Baħar, 1949

Konvenzjoni ta' Ġinevra (III) dwar il-Priġunieri tal-Gwerra, 1949

Konvenzjoni ta' Ġinevra (IV) dwar il-Persuni Pajżani, 1949.

Kif ukoll il-protokolli addizzjonali tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra msemmijin hawn fuq: Il-Protokoll I Addizzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Internazzjonali u l-Protokoll II Addizzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Mhux Internazzjonali.

Dikjarazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR, 10 ta' Diċembru 1948)

Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' Reliġjon jew Twemmin (NU, 1981)

Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi (NU, 1992)

Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (NU, 2007)

Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru (NU, 2008)

* Dawn il-konvenzjonijiet tan-NU/ l-ILO huma definiti bħala drittijiet ewlenin tal-bniedem u fil-qasam tax-xogħol fil-qafas tas-SĠP+ (ara l-Anness VIII tar-Regolament UE 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skema ġeneralizzata ta' preferenzi). Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità hi kategorizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem bħala konvenzjoni ewlenija tad-drittijiet tal-bniedem.

ANNEX II: Aktar tagħrif: is-siti web tal-UE, tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tagħha u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali

Hemm disponibbli fuq l-internet ħafna tagħrif dwar l-istrumenti internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll politiki, noti ta' gwida u għodod operazzjonali fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni, inkluż fuq is-siti web ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dan il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali ta' fejn u dak li jinstab f'xi siti web ta' organizzazzjonijiet ta' trattati internazzjonali u reġjonali.

Unjoni Ewropea

Dawn il-linji gwida tal-UE għan-nondiskriminazzjoni jirreferu għat-TUE u t-TFUE, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għadd ta' direttivi tal-UE li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea bħala l-gwardjan tat-trattati tal-UE għandha sit web iddedikat għan-nondiskriminazzjoni. Il-politiki tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni esterna jinsabu fis-sit web tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Il-Kummissjoni Ewropea:

https://ec.europa.eu/info/aid-development-cooperation-fundamental-rights/your-rights-eu/know-your-rights/equality/non-discrimination_en

Dwar il-Karta: https://ec.europa.eu/info/aid-development-cooperation-fundamental-rights/your-rights-eu/eu-charter-fundamental-rights_en

https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combating-discrimination_en

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE): https://eeas.europa.eu/topics/human-rights-democracy_en

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) <http://fra.europa.eu>

Is-sit web tal-FRA fih it-test tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u għodod relatati. Is-sit web tal-FRA jipprovdi wkoll tagħrif dwar u r-riżultati ta' riċerka u sħarriġ imwettqa mill-FRA dwar suġġetti speċifiċi, inkluż sħarriġ dwar l-istat tad-diskriminazzjoni fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, **il-manwal dwar il-liġi Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni** (*Handbook on European Non-discrimination Law*, edizzjoni tal-2018) li jitratta l-ġurisprudenza Ewropea marbuta man-nondiskriminazzjoni jista' jitniżżel mis-sit web.

Nazzjonijiet Uniti – L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem

www.ohchr.org

Is-sit web tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) iżomm repożitorju tal-Istrumenti tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. It-testi tal-istrumenti kollha tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-firmatarji u r-ratifiki kollha mill-Istati kif ukoll il-ħidma tal-korpi tat-Trattati relatati jinsabu fis-sit web tal-OHCHR: www.ohchr.org. Id-dokumentazzjoni tal-ħidma tal-korpi tat-trattati tinkludi r-rapporti nazzjonali, ir-rapporti paralleli tas-soċjetà ċivili, il-ġabra tar-rapporti dwar il-pajjiżi mis-sistema tan-NU kif ukoll ir-rapporti u l-eżiti tad-djalogi tal-korpi tat-Trattati mal-Istati partijiet u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali tagħhom. B'mod simili, l-Eżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem għandu paġna web iddedikata li fiha tinstab informazzjoni speċifika għall-pajjiżi. Barra minn hekk, hemm ħolqa speċifika għal introduzzjoni topika għall-kwistjoni tad-"diskriminazzjoni"⁵⁷ li tagħti kemm il-kontenut normattiv kif ukoll il-ħidma u l-għodod tal-OHCHR biex jaħdem favur u jipromwovi d-drittijiet tal-bniedem.

⁵⁷ <http://www.ohchr.org/EN/Issues/Discrimination/Pages/discrimination.aspx>

L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura

(UNESCO) www.unesco.org

Fil-kostituzzjoni tagħha l-iskop tal-UNESCO huwa li tagħti kontribut għall-paċi u s-sigurtà billi tippromwovi l-kollaborazzjoni qalb in-nazzjonijiet permezz tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-kultura sabiex jissaħħaħ ir-rispett universali għall-ġustizzja, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li huma affermati għall-popli tad-dinja, mingħajr distinzjoni ta' razza, sess, lingwa jew reliġjon, mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Diversi għanijiet ewlenin tal-UNESCO huma mirfuda minn konvenzjonijiet. B'rabta man-Nondiskriminazzjoni, il-Konvenzjoni kontra d-Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni tipprojbixxi kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni, limitazzjoni jew preferenza li, peress li tkun ibbażata fuq ir-razza, il-kultur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, il-kundizzjoni ekonomika jew it-twelid, ikollha l-iskop jew l-effett li xxejjen jew iddgħajjef l-ugwaljanza tat-trattament fl-edukazzjoni.

Il-UNESCO għandha proċedura għall-eżami tal-ilmenti li tirċievi dwar ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, jiġifieri fl-edukazzjoni, ix-xjenza u l-kultura.

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) www.ilo.org

Is-sit web tal-ILO (www.ilo.org) iżomm repożitorju tal-konvenzjonijiet u l-protokoll tal-ILO dwar ix-xogħol, fosthom għadd kbir ta' konvenzjonijiet li huma ddedikati direttament jew indirettament għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fix-xogħol. Dawn jinkludu l-hekk imsejħa konvenzjonijiet ewlenin jew fundamentali dwar ix-xogħol u partikolarment il-konvenzjonijiet tal-ILO dwar id-diskriminazzjoni fir-rigward tal-Impjeggi u x-Xogħol (c.111), u dwar ir-Remunerazzjoni indaqs (c.100). Għandha tittieħed nota wkoll tal-Konvenzjonijiet tal-ILO dwar il-Migrazzjoni għall-Impjeggi (c. 97 Riveduta), dwar il-Ħaddiema Migranti (c. 143 Dispożizzjonijiet Supplementari), dwar il-Ħaddiema b'Responsabbiltajiet Familjari (c.156), dwar il-Persuni b'Diżabilità (c.159), dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (c.169) u dwar il-Persunal Domestiku (c.189). L-ILO għandha dipartiment dedikat għall-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u l-Ugwaljanza, li jinkludi fergħa għall-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ugwaljanza u d-diversità. L-għarfien espert dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ugwaljanza u d-diversità jiffoka fuq kwistjonijiet marbutin ma' opportunitajiet u trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel kollha fid-dinja tax-xogħol, u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sessi, ir-razza, l-etniċità, l-identità indiġena u d-diżabilità. Il-Fergħa tipprovdi pariri dwar politika, għodod, gwida u assistenza teknika lill-kostitwenti inkluż b'rabta mal-promozzjoni ta' postijiet tax-xogħol aktar inklużivi, u l-iżgurar li l-politiki, il-programmi u l-istituzzjonijiet ikunu sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.⁵⁸L-ILO tippubblika regolarment ukoll rapporti dwar ix-xejriet dinjin attwali b'rabta mad-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol u l-konformità mal-istandards internazzjonali tax-xogħol dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza.⁵⁹

⁵⁸ Għal aktar tagħrif zur <http://www.ilo.org/global/topics/equality-and-discrimination/lang--en/index.htm>

⁵⁹ Ara pereżempju r-rapport dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol għall-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol tal-2017, disponibbli f'dan l-indirizz: http://www.ilo.org/ilc/ILCSessions/106/reports/reports-to-the-conference/WCMS_549949/lang--en/index.htm

Strumenti Reġjonali

Kunsill tal-Ewropa (KtE) www.coe.int

L-għan tal-organizzazzjoni reġjonali huwa li tinkiseb għaqda akbar bejn il-membri tagħha sabiex jitħarsu u jitwettqu l-ideali u l-prinċipji li huma l-wirt komuni tagħhom u jiġi ffaċilitat il-progress ekonomiku u soċjali tagħhom. Il-KtE adotta aktar minn 200 trattat fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem⁶⁰ (1950) u l-protokolli tagħha jiddikjaraw u jagħmlu legalment vinkolanti d-drittijiet koperti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Konvenzjoni stabbilixxiet ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala l-ogħla qorti tad-drittijiet tal-bniedem Ewropea. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprojbixxi d-diskriminazzjoni: It-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet stipulati f'din il-konvenzjoni għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kultur, il-lingwa, ir-reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, l-istatus tat-twelid jew status ieħor.

Il-KtE għandu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu korpi ta' monitoraġġ u kumitati esperti assoċjati ma' suġġetti jew konvenzjonijiet speċifiċi. Fil-kuntest tan-nondiskriminazzjoni għandhom jissemew dawn li ġejjin:

- Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) u s-16-il Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali tagħha.
- il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-Grupp ta' Esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (GREVIO).
- Il-Karta Soċjali Ewropea
- Il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji
- Il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali

⁶⁰ Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) www.osce.org

L-OSKE għandha approċċ komprensiv għas-sigurtà li jħaddan fih l-aspetti politiko-militari, ekonomiċi u ambjentali, u dawk umani. Għaldaqstant jindirizza firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbutin mas-sigurtà, fosthom id-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet tal-minoranzi inkluż għar-Rom u s-Sinti, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi. **L-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR)** jagħti appoġġ, assistenza u għarfien espert lill-Istati parteċipanti u s-soċjetà ċivili biex jippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u t-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni. L-Uffiċċju jorganizza programmi ta' taħriġ għal uffiċjali tal-gvern u tal-infurzar tal-liġi u organizzazzjonijiet mhux governattivi dwar kif jitħarsu, jiġu promossi u jiġu ssorveljati d-drittijiet tal-bniedem. Is-57 Stat parteċipanti jgawdu mill-istess status, u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'kunsens fuq bażi politika, iżda mhux legalment vinkolanti.

Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR) www.achpr.org

Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa mnaqqax fl-Artikolu 2 tal-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli adottata mill-Organizzazzjoni tal-Unità Afrikana (l-Unjoni Afrikana) fl-1981: L-individwi kollha għandhom ikunu intitolati għad-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti u garantiti f'din il-Karta mingħajr distinzjoni ta' ebda tip, bħal fuq il-bażi tar-razza, il-grupp etniku, il-kultur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali u soċjali, il-ġid, jew l-istatus tat-twelid jew status ieħor.

Il-karta waqqfet ukoll il-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli. Il-mandat tal-Kummissjoni huwa kkomplementat mill-Qorti Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli li twaqqfet fl-1998.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll rapporteurs, gruppi ta' ħidma u kumitati speċjali b'rabta mal-gruppi li jiġu ddiskriminati b'mod komuni b'hal

- Drittijiet ta' Persuni Ikbar fl-Età u Persuni b'Diżabilità
- Drittijiet tan-Nisa
- Ħarsien tad-Drittijiet ta' Persuni li Jgħixu bl-HIV u Dawk f'Riskju ta', Vulnerabbli għal u Milquta mill-HIV.
- Refuġjati, Persuni li Jfittxu Asil, Migranti u Persuni Spostati f'Pajjiżhom
- Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem
- Popolazzjonijiet/Komunitajiet Indiġeni fl-Afrika

Il-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR)

www.oas.org/en/iachr/

Il-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija organu ewlieni u awtonomu tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani ("OAS") li l-missjoni tiegħu hu li jippromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem fl-emisfera Amerikana. Hi magħmula minn seba' membri indipendenti li jaqdu r-rwol tagħhom f'kapaċità personali. Maħluqa mill-OAS fl-1959, il-Kummissjoni għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Washington, D.C. Flimkien mal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Qorti" jew "il-Qorti I/A D.B."), installata fl-1979, il-Kummissjoni hi waħda mill-istituzzjonijiet fi ħdan is-sistema inter-Amerikana għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ("IAHRS").

Il-prinċipju tan-Nondiskriminazzjoni huwa mnaqqax fil-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem: L-Istati Partijiet għal din il-Konvenzjoni jintrabtu li jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti fiha u li jiżguraw lill-persuni kollha soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom l-eżerċizzju ħieles u sħiħ ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, mingħajr ebda diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, status ekonomiku, twelid, jew kwalunkwe kundizzjoni soċjali oħra.

Ir-raġunijiet għal diskriminazzjoni komplew jiġu żviluppatti bl-adozzjoni, fl-2013, tal-Konvenzjoni kontra kull Forma ta' Diskriminazzjoni u Intolleranza u l-Konvenzjoni kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzjali, u Forom relatati ta' Intolleranza.

Filwaqt li din tal-aħħar tkopri r-razza, il-kultur, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika, il-Konvenzjoni kontra kull Forma ta' Diskriminazzjoni u Intolleranza tkopri d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità; l-età; is-sess; l-orjentazzjoni sesswali; l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru; il-lingwa; ir-reliġjon; l-identità kulturali; opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet ta' kwalunkwe tip; l-oriġini soċjali; l-istatus soċjoekonomiku; il-livell edukattiv; l-istatus ta' migranti, refuġjati, rimpatrijati, apolidi jew spostati f'pajjiżhom; id-diżabilità; karatteristika ġenetika; il-kundizzjoni tas-saħħa mentali jew fiżika, inkluż kundizzjonijiet infettivi u li jittieħdu u kundizzjonijiet psikoloġiċi ta' indeboliment; jew kwalunkwe kundizzjoni oħra.

Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jerġa' jiġi ddikjarat f'konvenzjonijiet u dikjarazzjonijiet oħra għal gruppi speċifiċi:

- Il-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni, il-Kastig u l-Qerda tal-Vjolenza fuq in-Nisa
- Il-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra Persuni b'Diżabilità
- Il-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Persuni Ikbar fl-Età
- Id-Dikjarazzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni

Strumenti reġjonali oħrajn

Lega tal-Istati Għarab www.lasportal.org⁶¹

Il-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata fl-2004 tippreskrivi, fl-artikolu 3.1 tagħha: Kull Stat parti għal din il-Karta jintrabat li jiżgura lill-individwi kollha soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu d-dritt li jgawdu mid-drittijiet u l-libertajiet stipulati fiha, mingħajr distinzjoni fuq il-bażi ta' razza, kultur, sess, lingwa, twemmin reliġjuż, opinjoni, ħsieb, oriġini nazzjonali jew soċjali, ġid, twelid, jew diżabilità fiżika jew mentali.

Għandu jiġi nnotat li l-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem tqieset, inkluż mill-ex-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem is-Sa Louise Arbour, bħala mhux għalkollox kompatibbli mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari b'rabta mad-drittijiet tat-tfal u tan-nisa kif ukoll fil-kunsiderazzjoni tagħha li ż-Żioniżmu huwa ekwivalenti għar-razziżmu.

⁶¹ Il-biċċa l-kbira tal-kontenut ta' dan is-sit web hija bl-Għarbi biss.

Il-Lega tal-Istati Għarab waqqfet il-Kumitat Permanenti Għarbi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Kumitat, li la għandu mekkaniżmu ta' monitoraġġ u lanqas wieħed ta' lmenti, huwa responsabbli għal

- L-iffissar ta' regoli ta' kooperazzjoni fost l-istati membri fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
- Il-formulazzjoni ta' pożizzjoni Għarbija dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem fil-livell reġjonali u dak internazzjonali;
- L-abbozzar ta' trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jiġu riferuti lill-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Lega Għarbija għall-adozzjoni;
- L-istudju ta' ftehimiet Għarab dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex jagħti opinjoni dwar il-kompatibilità tagħhom mal-prinċipji u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem;
- Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tat-trattati u r-rakkomandazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- L-ġoti ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mad-drittijiet tal-bniedem li tiġi riferuta lill-Kumitat Permanenti mill-Kunsill jew mis-Segretarjat Ġenerali tal-Lega Għarbija jew kwalunkwe wieħed mill-istati membri;
- Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem.

ASEAN⁶² www.humanrightsinasean.info

Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN adottata fl-2012, fil-Prinċipju Ġenerali Nru 2 tagħha tiddikjara li kull persuna hija intitolata għad-drittijiet u l-libertajiet imniżżlin fiha, mingħajr distinzjoni ta' kwalunkwe tip, bħar-razza, is-sess, l-età, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-orijini nazzjonali jew soċjali, l-istatus ekonomiku, it-twelid, id-diżabilità jew kwalunkwe status ieħor.

Il-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN għad-Drittijiet tal-Bniedem (AICHR) hija istituzzjoni reġjonali tal-ASEAN għad-drittijiet tal-bniedem li twaqqfet fl-2009.

⁶² L-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja

Il-mandat tal-AICHR huwa li:

- Tiżviluppa strateġiji għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali
- Tiżviluppa Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN
- Issaħħaħ l-għarfien pubbliku dwar id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-edukazzjoni, ir-riċerka, u t-tixrid tal-informazzjoni
- Twettaq it-tiżni tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi tal-Istati Membri tal-ASEAN marbutin ma' trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u strumenti tal-ASEAN għad-drittijiet tal-bniedem
- Tinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-ASEAN jirratifikaw strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem
- Tagħti servizzi konsultattivi u assistenza teknika fuq talba tal-ASEAN dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem
- Tiegħu sehem fi djalogu u konsultazzjoni mal-korpi l-oħrajn tal-ASEAN u entitajiet assoċjati mal-ASEAN, fosthom organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra
- Tikseb informazzjoni mill-Istati Membri tal-ASEAN dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem
- Tiżviluppa approċċi u pożizzjonijiet komuni dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li jinteressaw lill-ASEAN
- Theggi studji tematiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem
- Twettaq kull kompitu ieħor assenjat lilha mil-Laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-ASEAN

Fil-mandat tagħha, l-AICHR ma kinitx prevista bħala mekkaniżmu ta' monitoraġġ, jew ta' lmenti. Madankollu f'dawn l-aħħar snin, evolviet Prattika li tippermettilha tirċievi komunikazzjonijiet u lmenti. Peress li d-diskussjonijiet tal-ilmenti jsiru waqt laqgħat magħluqin ma jistax jiġi kkonfermat jekk u liema każijiet ġew diskussi mill-AICHR. L-AICHR għadha ma ħadet ebda azzjoni pubblika biex tirreaġixxi għal sitwazzjoni jew ilment marbut mad-drittijiet tal-bniedem.